# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Laqgħa Nru. 9/2016**

Data: 24 ta' Awwissu 2016

Hin: 2:00 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Speranza Chircop*** – *Sindku*
***Maria Sultana*** – *Kunsilliera*
***Paul Bongailas*** – *Kunsillier*
***Vincent Bongailas*** - *Kunsillier*
***Elaine Caruana***– *Segretarju Eżekuttiv*

Skużat: ***Christopher Bruno*** – *Viċi Sindku*

Assenti: ***Michaela Noelene Zammit*** – *Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Minuti – 9 /2016**

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Lulju 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 3.10 mis-Seduta 8.16 – Is-Seg.Eżek. preżentat email mibgħuta mill- Ministru Joe Mizzi fir-rigward ir- 'roundabouts' fejn il-Ministru ta' il- kummenti tiegħu kif ukoll ma qabilx mal-Kunsill fir-rigward li titneħħa l-funtana.

Is-Sinjura Sindku issuġeriet illi anqas tajjeb illi din il-funtana tiġi irranġata b'makkinarju aktar professjonali u modern ħabba raġunijiet ta' sigurta speċjalment meta il-funtana tiġi imnaddfa.

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan is-suġeriment u ser tkun qed terġa tintbgħat email formali lill-Ministru bi spjega aħjar rigward il-bżonn ta' tranġar tal-funtana.

2.2 Punt 4.3 Mis-Seduta 8.16 – Is-Seg.Eżek. preżentat email mingħand l-Onorevoli Stefan Buontempo fejn talab lill-Kunsill itih informazzjoni rigward postijiet tal-Gvern vakanti fil-lokal biex b'hekk ikun jista jgħina nakkwistawhom għal konvenjenza tal-Kunsill stess.

Filwaqt illi l-Kunsilliera stess ikkonfermaw li ma jafu bl-ebda post tal-Gvern vakanti fil-lokalita' is-Seg.Eżek. issuġeriet li tibgħat email lill- 'Lands Department' għal aktar informazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

2.3 Punt 5.2d mis-Seduta 8.16 – Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn kemm jista jkun malajr illi minn mill-Kunsilliera għadu ma tahx risposta rigward ir-rappreżentanti tagħhom fis-Sotto Kumitat ta' Jum il- Kalkara tajjeb li jgħaddulu l-informazzjoni mill-aktar fis

possibli biex b'hekk ikun jista jibda jlaqqa' il- grupp kollu u tinbeda il-ħidma għal Jum il- Kalkara 2016.

## 3 Korrispondenza

3.1 Is-Seg. Eżek. preżentat email mingħand resident li kienet qed tiġi issuġerita li titwaħħal mera faċċata ta' Triq is-Sienja fi Triq Rnella minħabba illi qed ikun hemm ħafna karozzi ipparkjati fuq id-'Double Yellow line' fi Triq Rnella u qed tkun diffiċli biex tara toħroġ minn Triq is-Sienja

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha titwaħħal mera fi Triq Rnella.

3.2 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar possibilta li jsiru sezzjonijiet għat-tfal bħal 'Child Care Centre' fil-lokal tal-Kalkara pero' hija problema minħabba il fatt li bħala Kunsill m'għandnix post addatat biex dan isir.

Is-Sinjura Sultana ser tkun qed tiċċekja mal-Kap tal-iskola Primarja biex tara hemmx xi klassi vakanti li tista tintuża għal dawn is-sezzjonijiet biex b'hekk il-Kunsill tal- Kalkara jibda joffri servizz ġdid għal benefiċċju tar-residenti fil-lokal tagħhom stess.

3.3 Is-Seg. Eżek. spjegat sitwazzjoni attwali fuq skip antika li kienet tpoġġiet mill- kuntrattur preċedenti viċin il-Forti Ricasoli.

Hija spjegat illi is- 'Security' kien qiegħed iċempel il-Kunsill jilmenta li l-iskip hija mkissra u biex tinbidel minn naħa tal-Kunsill.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi hemm hekk huwa post privat u b'hekk għandhom ikollhom kuntrattur tagħhom li joffrilhom is- servizz.

Il-Kunsillier Pawlu Bongailas isuġerixxa li jsir arranġament ma' Fort Rnella illi jekk irid li bħala Kunsill nieħdu ħsieb din l-iskip tajjeb illi meta jkollna xi gruppi organizzati mill-Kunsill matul is-sena speċjalment meta nieħdu it-tfal Fort Rnella darba fis-sena, dawn il-gruppi jidħlu b'xejn għal benefiċċju tal- Kunsill.

Il-Kunsil qabel mas-suġġeriment tas-Sur Bongailas u ser tkun qed tintbgħat email formali lill minn hu nkarigat biex naraw x'tip ta' arranġament jista jsir bejn iż-żewġ partijiet.

3.4 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill illi l-Kap tal-iskola Primarja tal-Kalkara xtaqet konferma jekk hux ser tintuża is-sala bħas snin preċedenti għal attivitajiet ta' Jum il-Kalkara li jkun lejn l-10 ta' Diċembru ta' kull sena.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tiċċekja ma 'Smart City' u l-kumpless ta' Bighi għad disponibilta' tagħhom fl-istess ġurnata biex wieħed ikun jista jara xinhu l-aħjar għal benefiċċju tal-attivita' kif ukoll għal Għaqda li jkun imissha itella' din l-attivita' stess għal din is-sena.

3.5 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar kwotazzjoni li kisbet mingħand il- kuntrattur tal-Kunsill fuq id-dawl tat-toroq għal arblu ġdid li ser ikun qed jitwaħħal fl-inħawi tal-Married Quarters fiż-żmien li ġej.

3.6 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar talba minn naħa ta' l-'iscouts group' fejn dawn ser ikunu qegħdin jagħmlu 'Clean Up' fil-Bajja ta' Rnella u talbu lill-Kunsill biex tiġi pprovduta skip fl-inħawi ta' Rnella.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tiġi ordnata skip minn naħa tal-Kunsill.

3.7 Il-Kunsill qabel unanimament rigward ilment ta' periklu ta' karozzi fi Triq Giovanni Ricasoli li nkiteb minn resident stess fuq il-paġna ta' 'Facebook', li għandu jintbgħat formalment lill-TM għal gwida aktar professjonali il-Kunsill x'jista jagħmel biex inaqqas dan l-istess periklu minn dawn l-inħawi kif kien qed jiġi issuġerit fil-kummenti tar-residenti stess fuq dan il-post partikulari.

3.8 Is-Seg.Eżek. spjegat sitwazzjoni li kienet ilha għadejja matul ix-xahar t'Awwissu fuq rampa li saret fi Triq il-Villa tal-Ammirall quddiem blokka tal-'Housing' mill-istess Kunsill aktar minn 8 snin ilu.

Ir-rampa saret għal benefiċċju ta' anzjani li joqgħodu fil-blokka minħabba illi l-ewwel tarġa tal-parapett ta' l-istess blokka kienet waħda għolja.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi ir-rampa fil-verita mhux qegħda skond il-liġi u hemm element ta' periklu. Hija stess kellmet ir-resienti tal-blokka minbarra tnejn (għax ma fetħux / ma kinux id-dar) fejn il-maġġoranza tan- nies li joqgħodu f'din il-blokka saħqu illi ir-rampa għandha tibqa.

Din is-sitwazzjoni qed tiġi diskussa bejn il-Kunsill Lokali Kalkara, il-Pulizija kif ukoll mal-Ministeru tal- Familja u Solidarjeta' Soċjali, fejn dan tal-aħħar irid illi l-Kunsill jirranġa l-parapett tal-'Housing' għal benefiċċju tar- residenti.

Is-Seg.Eżek. saħqet illi l-Kunsill fid-dover li jneħħi ir- rampa peres li qegħda fuq il- bankina pero' mhux fid-dover li jirranġa il-parapett għaliex dan ma jaqax taħt il- perimetru tal-Kunsill.

Id-diskussjoni għadha għadejja fil-preżent biex b'hekk jinħoloq qbil unanimu bejn l-entitajiet involuti.

3.9Is-Seg.Eżek. innutat każ ta' ħruq tal-'Mobile Toilet' li jiġi impoġġi kull sena fix-xhur tas- sajf għal konvenjenza tan-nies li jużaw il-bajja.

Dan il-'Mobile Toilet' ġie maħruq minn xi ħadd u ser ikun qed jiġi imħallas mill-istess Kunsill.

Il-Kunsilliera talbu li għandha tintbgħat email formali lill-Pulizija biex ikun hemm aktar sorveljanza fl-inħawi.

L-ispiża tad-danni titla għal madwar €1300.

3.10 Is-Seg.Eżek. spjegat illi qed tistenna gwida minn naħa tad-Dipatiment tal-Gvern Lokali fir- rigward xi tibdil li hemm bżonn isir fis-sejħa għal-Offerti li nħareġ mill-istess Kunsill aktar kmieni fis sena 2015 għal knis tat-toroq.

Il-Kunsill għamel skeda ċara ta' kif il- kuntrattur għandu jiknes it-toroq bil-frekwenza immarkata, pero' din is-sistema mhux qed taħdem fil-lokal minħabba illi hemm bżonn ta' aktar frekwenzi ta' tindif / knis f'ċertu toroq partikolari (anka minħabba l-ammont ta' ilmenti li qed jidħlu l-Kunsill fuq il-bżonn ta' kennies).

Is-Seg. Eżek. innutat il-punt ta' hawn fuq biex il-Kunsill ikun infurmat illi l-irċevuti tal- kuntrattur ser ikunu qed jgħolew fl-ammont meta jiġi mqabbel ma kif hu stess tefa' u rebaħ il-kuntratt.

3.11.Is-Seg.Eżek. preżentat email minn naħa tal- 'Animal Welfare' fir-rigward is- sistema li kienet qed tiġi addotata minn ċerti Kunsilli fosthom il-Kunsill tagħna biex jinqatlu il-ħamiem fil-lokal.

l-email turi biċ-ċar illi huma ma jaqblux ma din is-sitema ħabba raġunijiet ovvji / varji u taw lista ta' suġġerimenti li wieħed jista jaddotta biex inaqqas il-ħamiem fil-lokalitajiet.

Fl-istess ħin is-Seg.Eżek. preżentat ittra li intbgħatet minn resident li joqgħod fi Triq Marina li qed jitlob illi l-Kunsill jibgħat nies professjonisti bħal ma saru f'ċerti postijiet oħra madwar il-lokal biex jinqatlu il-ħamiem li joqgħod dejjem fuq ir-residenza tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk dan ir-resdient xtaq ineħħi il-ħamiem minn fuq ir-resienza tiegħu il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk dan isir għas spejjez tiegħu peres li hija dar privata.

3.12.Ġiet preżentata email minn naħa ta' kumpanija bl-isem 'Happy Paws' li qed tistaqsi il-Kunsill biex jidħol fir-responsabilta' ta' xiri ta' gaġġa biex in-nies li jieħdu ħsieb il-qtates / klieb ta' barra fil-lokal tal-Kalkara ikunu jistgħu jużawha meta jkun hemm każ ta' bżonn ta' 'Vet' jew għal kwalunkwe raguni li tista tinqala.

Il-Kunsill talab stima ta' din il-gaġġa biex b'hekk ikun jista jiddeċiedi għandiex tinxtara minn naħa tal-Kunsil minħabba raġunijiet finanzjarji.

3.13.Il-Kunsill qabel unanimament rigward sezzjonijiet ta' informazzjoni li ser jiġu organizzati fil-futur fir-rigward żbir ta' siġar / pjanti f'residenzi privati.

Ser tkun qed titella l-informazzjoni fuq il-paġna ta' 'Facebook' tal-Kunsill biex wieħed ikun jista jibbukja għal dawn is-sezzjonijiet. Bħal kwalunkwe sezzjonijiet oħra jekk l-attendenza tkun waħda fqira il-kors ser ikun qed jiġi pospost għal meta in-numru jitla minn nies interessati.

3.14.Is-Seg.Eżek. preżentat ċirkulari minn naħa tal-Gvern Lokali fir-rigward il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill Lokali Kalkara f'eventwalita' li s-Seg. Eżek. preżenti tkun nieqsa għal tul ta' żmien minħabba raġunijiet varji.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tikseb gwida formali minn naħa ta' l-istess Dipratiment biex b'hekk jintgħażel / tintgħażel Deputat Seg.Eżek. kif qed jiġi rrakomandat fl-istess Ċirkulari.

Dik il-persuna trid tkun qed tiġi magħżula minn lista ta' Seg.Eżek. iċċertifikati fil-'Pool' ta' l-istess Dipartiment.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar ittra ta' ringrazzjament minn naħa ta' Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja għal koperazzjoni tal-Kunsill ma' l-istess Soċjeta' fiż-żmien il-Festa 2016 kif ukoll l-istess ittra tgħarraf il-Kunsill illi is-Sur Robert Grech huwa l-Aġent Segretarju l-ġdid.

Ser ikunu qed jitwaħħlu 'flyers' b'aktar informazzjoni rigward il-korsijiet bħal dejjem.

4.2. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill xogħol siewi li għamlu ħaddiema li ġew mibgħuta temporanjament minn naħa tar-Reġjun Xlokk fuq ħajt fi Triq l-Isptar Navali.

Ir-residenti tal-inħawi irringrazzjaw il-Kunsill rigward il-punt imsemmi hawn fuq.

4.3 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar €200  mgħotija lill-Kunsill għal aktar xiri ta' kotba biex b'hekk jiżdiedu fil-librerija ta' l-istess Kunsill

4.4 Is-Sinjura Sindku infurmat lill-Kunsill bl-ammont ta' flus li nġabar mill-attivita' li saret b'risq 'Puttinu Cares' li tammonta għal €6214.

Hija ukoll irringrazzjat formalment il-Kunsilliera kif ukoll l-istaff kollu involut biex din l-attivita' saret.

Is-Sindku saħqet illi hija xtaqet ikun hemm aktar għajnuna mingħand il-Kunsilliera għal attivitajiet bħal dawn kif ukoll skużat lis-Sur Pawlu Bongailas minħabba  illi hu kien avża mill-bidu li ser tkun diffiċli għalih li jgħati is-sehem tiegħu kif ukoll li jattendi għal din l-istess attivita' minħabba raġunijiet varji.

4.5 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill rigward l-attendenza sabieħa li kien hemm fil-Lejla Letterarja li ġiet 'mtella' mill-Kunsill bil-għajnuna tal-Għaqda Poeti Maltin aktar kmieni fix-xahar t'Awwissu.

Hija saħqet li din għandha tiġi imniżżla fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill biex issir kull sena wara i kienet ta' suċċess din is-sena. Tajjeb ukoll illi attivita' bħal din issir fi Pjazza Sagra Familja biex b'hekk jitqassmu l-attivitajiet aktar madwar il-lokal u mhux dejjem isiru ix-Xatt

bħal ma forsi kien qed isir s'issa.

4.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill li ser tkun qed taħdem bħal kull sena fuq l-attvita' tal-'Halloween' li ser tkun qed titella aktar tard fix-xahar t'Ottubru b'kollaborazzjoni ma' Puttinu Cares . Aktar informazzjoni ser tkun qed tingħata il-Kunsill formalment meta tiġi fformulata il-logistika ta' l-istess attivita'.

4.7 Is-Sindku fakkret il-Kunsill dwar attivita' żgħira mat-tfal ta' Skola Sajf li ser ikunu qed iżuru l-Kunsill Lokali Kalkara biex jieħdu informazzjoni dwar kif jaħdem il-Kunsill tal-lokal tagħhom, biex b'hekk il-Kunsilliera ikunu preżenti għal din is-siegħa u jgħatu is-sehem tagħhom.

Is-Sinjura Sultana issuġriet li lill dawn it-tfal bħala Kunsill jiġu mogħtija ġelat li żgur li t-tfal ser jieħdu pjaċir bih wara sezzjoni ta' edukazzjoni fl-ufficini tal-Kunsill.

## 5a. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera

5.1a Is-Sinjura Sultana saħqet għal ħafna drabi għaliex il-borża is-sewda tagħha fi Triq Santa Filomena mhux qed tinġabar mill-ħaddiema tal-kuntrattur tal-Kunsill stess. Hija saħqet li din mhux l-ewwel darba u li hi personali kemm il darba pruvat tiġbed l-attenzjoni lill-ħaddiema tal-kuntrattur stess mingħajr qatt ma jgħatu każ dan l-ilment.

5.2b Is-Sinjura Sultana saħqet li hemm bżonn mera in-naħa tax-Xewkija tal-Kalkara fil-parti ta' ġewwa fejn hemm il-ħadid biex b'hekk wieħed ikun jista jara il-karozzi ġejjiejn kif tiġi il-biċċa fil-liwja u jitnaqqas il-periklu

5.3c Is-Sinjura Sultana innutat il-'bbqs' li qegħdin isiru man naħa tas-Sur tal-Birgu li għadhom kif ġew irrestawrati milhux minħabba xi ħsarat li jistgħu isiru mal-ħitan stess.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed tibgħat email lill-Kunsill tal-Birgu bin-notifika ta hawn fuq.

5.3d Is-Sinjura Sultana staqsiet dwar meta ser ikunu qegħdin jitnaddfu il-'culverts' madwar il-lokal bħal kull sena minħabba ix–

xita u xi għargħar li jista jkun hawn fil lokal stess.

5.3 e. Is-Sinjura Sultana talbet biex isir rapport formali lill minhu ikkonċernat fuq żunżan aħmar kbir li qed ikun hemm fi Pjazza Sagra Familja speċjalment minħabba xi tfal li jkunu qegħdin jilgħabu fl-inħawi.

5.3 f Is-Sinjura Sultana talbet formalment lis-Seg.Eżek. biex meta xi Kunsillier jinnota xi ilment / suġġeriment ma jitnizzilx ismu fl-emails jew f'xi ittri li jintbgħatu bħal ma ġara ftit ġimgħat ilu fejn is-Seg. Eżek. kitbet isimha speċifikament f'email b'ilment li ressqet hi waqt Seduta li intbgħat lill-Pulizija.

5.3 g Is-Sinjura Sultana issuġeriet illi bħal ma in-nies jiktbu l-ilmenti tagħhom fuq 'Facebook' tajjeb li l-Kunsill jibda jtella' ukoll affarijiet ta vandaliżmu fil- lokal bħal kwostjoni tal- 'mobile toilet' li ġie maħruq ġewwa Rnella. Tajjeb li ir- residneti jkunu jafu ukoll dak li qed isir fil-lokal biex b'hekk jitqajjem aktar għarfien minn xhiex il-Kunsill jgħaddi biex iżomm il-lokal kif suppost.

5.3h Is-Sinjura sultana ikkumplimentat is-Sindku formalment għal attivita' li saret aktar kmieni fix-xahar t'Awwissu ix-Xatt f'isem Puttinu Cares kif ukoll talbet li tingibed l-attenzjoni tal-Pulizija li kienu qegħdin xogħol waqt din l-attivita' fuq żewġ punti importanti:

- Tajjeb li jkun hemm 'barriers' jew Pulizija fid-daħla tal-Mina tal-Kalkara minħabba illi l-karozzi bdew jibqgħu niżlin sa quddiem il 'bollards' l-isfel ħafna u kien hemm konfuzjoni ta tidwir ta' karozzi

- Punti ieħor imqajjem mis-Sinjura Sultana huwa dak illi triq partikulari barra li ġiet mgħaluqa bil-'bollards' kif suppost kif jiġri f'kull attivita' il-Pulizija stess komplew jgħalqu din it-triq bi skips fejn barra li kienet xi ħaġa ta' 'eyesore' tajjeb illi li kieku infurzar tat-triq mgħaluqa ġiet mgħamula b'wieħed minnhom fiżikament u mhux bl-iskips.

Il-Kunsillier Pawlu Bongailas staqsa jistgħux isiru katnazzi ma l-art mal- 'bollards' biex b'hekk ħadd ma jkun jista jaqlahom biex jgħaddi bħal ma ġieli ġara

**5b. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Vince Bongailas, Kunsillier**

5.1c Is-Sur Vincent Bongailas talab lis-Seg.Eżek. terġa tfakkar lil minn hu inkarigat mill-MCST għar rigward residenza fi Triq Luigi Pisani li wara li tlesta il- parkeġġ fil- viċinanzi il- ħaddiema stess tal-proġett ta' Bighi ħallew struttura tal-ħadid ġewwa il-bitħa tagħha kif ukoll fadal xi xogħolijiet li jridu jsiru bħal ċint li twaqqa temporanjament mal-faċċata ta' din l-istess residenza biex b'hekk din il-persuna tkun tista tnaddaf u tagħmel xi xogħolijiet personali ġewwa ir-residenza tagħha stess.

**5.c Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier**

5.1d Is-Sur Pawlu Bongailas għarraf il-Kunsill dwar kummenti fuq 'Facebook' li jirrelataw mal-Kunsill fir-rigward ta: ġebel fuq il-bajja ta' Rnella u nuqqas ta' ramel fejn is-Seg.Eżek. spegat illi kienet diġa bgħatet email formali lil min hu ikkonċernat fejn il-ġebel ġew imneħħija immedjatament kif ukoll ingħatat risposta għar rigward in-nuqqas ta' ramel illi bil-liġi wieħed ma jistax iżid ir-ramel fl-ebda bajja minħabba raġunijiet ovvji. Wieħed irid jifhem illi la darba il-baħar ikun imqalleb bilfors ser ikaxkar ir-ramel il-barra.

Punt ieħor imsemmi fuq 'Facebook' kien dak tal-problema li kien hemm aktar kmieni dan ix-xahar ta' drenaġġ quddiem il-latrina tax-Xatt fejn is-Seg.Eżek. spjegat illi din ġiet trangata minn naħa tal-Kunsill l-għada ta' l-inċident stess.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 8.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Erbgħa 28 ta' Setembru 2016 fl-4:30 p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Speranza Chircop*** | ***Elaine Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 26/07/2016